

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.6.2009
KUMM(2009) 285 finali

Proposta ta'

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Bi tkompli mar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1737 (2006), 1747 (2007) u 1803 (2008), il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK u r-Regolament tal-Kunsill Nru 423/2007, kif emendati, jistipulaw dispożizzjonijiet għal ċerti miżuri restrittivi kontra l-Iran.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1110/2008 tal-10 ta' Novembru 2008 emenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 u introduċa miżuri restrittivi ġodda kontra l-Iran, inkluż obbligu ta' notifika minn qabel fejn jidħlu kunsinni minn żewġ kumpaniji implikati f'attivitajiet ta' proliferazzjoni: Iran Air Cargo (IAC) u Islamic Republic of Iran Shipping Line (IRISL).
- (3) Ir-regoli ta' implimentazzjoni għal din il-miżura huma bbażati fuq ċerti regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-kodiċi doganali tal-Komunità u b'mod partikolari r-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet elettroniċi sommarji dwar id-dħul u l-ħruġ li għandhom jiġu applikati mill-1 ta' Lulju 2009¹. Madankollu, minħabba l-komplessità tal-proċeduri għall-introduzzjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 273/2009 tat-2 ta' April 2009 introduċa perjodu ta' tranżizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2010 li matulu t-trasportaturi mhumex obbligati li jdaħħlu minn qabel dikjarazzjonijiet elettroniċi sommarji ta' dħul u ta' ħruġ.
- (4) Din il-proposta hija maħsuba biex iġġib id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007, dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni għar-regolamenti dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' notifika minn qabel għall-kunsinni ta' ċerti kumpaniji, konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dwana.

¹ Dispożizzjonijiet introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità

Proposta ta'

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropa, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/652/PESK tas-7 ta' Awwissu 2008 li temenda l-Pożizzjoni komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran²,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1110/2008 tal-10 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-Iran³ impona miżuri restrittivi addizzjonali skont il-Pożizzjoni Komuni 2008/652/PESK, u b'mod partikolari obbligu ta' notifika minn qabel fejn jidħlu ċerti kunsinni lejn u mill-Iran.
- (2) Għal raġunijiet tekniċi, saret dispożizzjoni għal derogi mir-regoli ta' implimentazzjoni ta' dan l-obbligu ta' notifika minn qabel matul żmien ta' tranżizzjoni. Peress li l-kumplessità tar-regoli ta' implimentazzjoni ta' din il-miżura wasslet għal dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni tagħha, il-perjodu ta' tranżizzjoni għandu jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2010.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-raba' u l-ħames paragrafi tal-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 huma mibdula b'dan li ġej:

“Sal-31 ta' Diċembru 2010, id-dikjarazzjonijiet sommarji ta' dħul u ta' ħruġ u l-elementi addizzjonali meħtieġa kif imsemmi aktar 'l fuq jistgħu jiġu ppreżentati bil-miktub bl-użu ta' informazzjoni kummerċjali, portwali jew ta' trasport, sakemm dawn ikun fihom id-dettalji neċessarji.

² ĠU L 213 tat-8.8.2008, p. 58.

³ ĠU L 103, 20.4.2007, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1110/2008 (ĠU L 300, 11.11.2008, p.1)

Mill-1 ta' Jannar 2011 'l quddiem, l-elementi addizzjonali meħtieġa, kif imsemmi hawn fuq, għandhom jiġu ppreżentati jew bil-miktub jew inkella bl-użu tad-dikjarazzjonijiet sommarji ta' dħul u ta' ħruġ, kif ikun xieraq."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fl-1 ta ' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti kollu kemm hu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President